**26 ta' Awissu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Augusto Auguliaro

**Leġittima Difeża**

*Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" neċessarjament jista' jinvoka l-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali. Il-liġi titkellem ċar dwar il- "bżonn attwali tad-difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilità jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-għlied li jara ġej meta dan jista' b'mod raġonevoli jiġi hekk evitat, imur mingħajr raġuni valida jaffrontah b'mod li jippreċipita huwa stess il-konfront fiżiku.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Augusto Auguliaro talli: (1) f'tas-Sliema nhar il-25 ta' Awissu, 1996, għall-ħabta ta' l-10.30 p.m. bil-ħsieb li jikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mark Vella Muscat minn tas-Sliema wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà ta' l-akkużat; (2) kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Mark Vella Muscat minn tas-Sliema skond ma ċċertifika Dr. Tonio Piscopo ta' l-Isptar San Luqa; (3) kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta u ċjoè mus, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-20 ta' Novembru, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Augusto Auguliaro mill-ewwel imputazzjoni, iżda sabitu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra, ordnat li l-imputat jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* għall-perijodu ta' sena taħt il-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' *Probation* anness ma' dik l-istess sentenza u dan wara li l-istess imputat ta l-kunsens tiegħu għal dan skond il-liġi;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Augusto Auguliaro, minnu ppreżentat fl-24 ta' Novembru, 1997, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, illi ġaladarba l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha kif jirriżultaw mis-

sentenza, kienet qalet li l-appellant (allura mputat) kien aġixxa kif aġixxa;

"in forza taċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom biex ikun jista' jiddefendi ruħu wara li ġie aggredit bi flixkun u dan wara l-provokazzjonijiet sofferti minnu u minn oħtu iżgħar minnu";

Dik l-Ewwel Qorti kellha neċessarjament tapplika d-disposizzjoni ta' l-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni. Fi kliem ieħor, l-appellant jikkontendi li kien hemm l-estremi kollha tal-leġittima difeża kif prospettat fl-imsemmi artikolu;

Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-atti kollha u speċjalment l-istqarrija ta' l-appellant (fol. 19 u 20), id-deposizzjoni tiegħu (fol. 60 sa 62), kif ukoll id-deposizzjonijiet ta' Kevin Abela (29 sa 32, u 53 sa 54), u ta' Mark Vella Muscat (40 sa 43, u 58 sa 59) hi tal-fehma li ma jirriżultawx l-estremi kollha għall-aplikazzjoni ta' l-iskriminanti tal-leġittima difeża skond l-imsemmi artikolu 223. Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" neċessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il- "bżonn attwali ta-difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabilità jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-ġlied li jara ġej meta dan ikun jista' b'mod raġonevoli jiġi hekk evitat, imur mingħajr raġuni valida jaffrontah b'mod li jippreċipita huwa stess il-konfront fiżiku. Mill-kumpless tal-provi jidher ċar li l-appellant, meta kellu l-opportunità li jwarrab bil-kwiet u jevita l-konfront, għażel li jmur hu jistieden il-ġlied. Hekk, per eżempju, fl-istqarrija tiegħu, huwa jgħid:

"Jien għidt lil (sieħbi), li jekk dak ried xi ħaġa jew jiġġieled, kellu jiġi huwa, u mhux immur jiena. Imbagħad jien avviċinajt lil dan il-ġuvnott u għidtlu "*you want to beat me up?*" għal darbtejn. F'daqqa waħda dan xejjirli daqqa ta' flixkun ġewwa wiċċi ...";

Ix-xhud Kevin Abela jiddeskrivi ukoll kif kien l-appellant li mar jisfida lil Mark Vella u li kien hu, ċjoè l-appellant, li xejjer l-ewwel daqqa;

"Il-ħabib ta' Augusto reġa' mar lura u fil-pront ġie Augusto fuq Mark. Kellu s-sigarett f'ħalqu. Mar wiċċ imb'wiċċ ma' Mark u smajtu jgħid lil Mark li jekk kellu jgħid xi ħaġa jgħidha issa. Wara li qallu hekk rajt lil Augusto jipprova jagħti daqqa ta' ponn lil Mark. Mark resaq lura u laqtu u Mark imbagħad tah daqqa ta' flixkun fuq ras (*recte*: rasu). nixtieq nippreċiża li l-ewwel daqqa ta' ponn li ta Augusto dan ma laqtux lil Mark però Mark imbagħad tah daqqa ta' ponn bi flixkun f'idejh lil Augusto u laqtu. Fil-fatt kien l-imputat li ta l-ewwel daqq ta' ponn lil Mark. Wara dik Mark qabad lil Augusto f'*headlock* u ċjoè qabdu rasu taħt idejh u beda jżommu 'l isfel u beda jagħtih fil-ponn f'wiċċu. Imbagħad rajt lil Augusto kellu sikkina u beda jagħti f'dahar Mark biha" (fol. 31);

U l-istess xhud, a fol. 54, jgħid:

"Mistoqsi mill-Qorti min mar jiġġieled l-ewwel ngħid illi kien l-imputat li mar l-ewwel. Vella Muscat qasam lejn it-Tower Palace biex ikellem lill-imputat";

Kif ingħad, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant, meta kellu l-opportunità li jevita l-inkwiet b'mod raġonevoli, minflok mar hu stess jisfida lil Vella Muscat għall-ġlied. Jekk ivvibrax hu jew Vella Muscat l-ewwel daqqa hu fatt ta' importanza

marġinali. Kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgery fil-kawża **R. *vs* Julien** (1969) 1 WLR 839:

"*It is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is preapred to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge of something less serious*" (fol. 843);

Din il-Qorti hi tal-fehma li din hi ukoll il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna. Huwa veru li f'ħin minnhom l-appellant sab ruħu f'sitwazzjoni - maqbud f'*headlock* u minn taħt - fejn biex ma jkomplix jaqla' u biex jinqala' minn dik il-*headlock* l-aktar ħaġa faċli għalih kienet li juża l-mus, u f'dan is-sens biss jista' jingħad li hu kien qed jiddefendi ruħu (kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha), iżda peress li l-ġlieda kollha ġiet ippreċipitata mill-istess appellant meta dan seta' raġonevolment jevita dik il-ġlieda, din id-difiża li hu spiċċa li kellu jagħmel ma kellhiex l-elementi kollha meħtieġa mill-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari kien nieqes l-element tal-bżonn kif aktar 'il fuq imfisser;

Kwantu għall- "provokazzjonijiet sofferti minnu u minn oħtu iżgħar minnu", imsemmija mill-Ewwel Qorti fil-bran ċitat, l-appellant fir-rikors tiegħu ma għamel ebda sottomissjonijiet. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti hi sodisfatta mill-provi kif jirriżultaw mill-atti li dawn il-provokazzjonijiet seħħew biżżejjed qabel il-ġlieda b'mod li japplika l-artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li: "Ma jiswewx lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma

jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża";

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-uffiċjal tal-*probation* Mary Anne Zammit. Il-perijodu tal-*probation* jibda jiddekorri mil-lum.